**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA**

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 21

27 **t' Ottubru 2020**

Il-Kunsilli Lokali Isla Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, fil- 5:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joline Attard - | Kunsilliera |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 21 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **21.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm. |
| **21.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 21.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 20 tqassmet lill-kunsilliera permezz ta' imejl u s-segretarju eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li min irrid kopja stampata jinforma lis-segretarju eżekuttiv u tistampalu kopja. Il-minuti mhux qed jiġu stampati għall kull kunsilliera sabiex il-kunsill lokali tal-Isla jieħu ħsieb aktar l-ambjent. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 21.2.2 | Il-Kunsilliera preżenti irċievew il-minuti tas-Seduta Numru 20, fejn ma kienx hemm korrezzjoni. Il-Minuti numru 20 ġew approvati mil-kunsillier Malcolm Gatt u ġew issekondti mill Kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **21.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 21.03.01 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti dwar Skema SPI/SCI5/2020 sabiex il-kunsill japplika għal lift fi , Triq l-Arkati, Isla<br><br>Deskrizzjoni ddetaljata tal-proġett li qed jiġi propost:<br><br>Installazjoni ta' lift biex jgħaqqad Triq l-Arkati ma' Triq is-Sirena. Dan jinkludi investigazjoni tal-bażi tal-art u konstruzzjoni ta' bażi għal-lift. Il-lift qed jiġi maħsub biex jinbena b'struttura tal-ħadid li tħalli lil min juża l-lift biex jara minnhu u biex anke ma jkunx hemmx massa ta' ħajt ulterjuri li tidher minn postijiet faċċata. Il-lift jipprovdi aċċess għar-residenti li bħalissa jkollom jużaw it-taraġ li jinsab fi Triq is-Sirena biex jinżlu sax-xatt. B'dan il-lift ikollom aċċess minn Triq l-Arkati fejn tinsab rampa b'tela gradwali li tipprovdi aċċess għax-xatt. |
| 21.03.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera dwar Tender : *Supplies Tender For the Provision and Planting of Trees and Plants In Isla Using Environmentally Friendly Practice* li ġiet evalwata għall-ewwel laqgħa iżda l-bord ser jerġa' jiltaqa' fit- 28 t'Ottubru fis-2pm għaliex kien hemm xi kjarifiki li l-evalwaturi bagħtu lil Gardania, lil Callus Garden Centre u lil Sed Construction Ltd għaliex ma bagħtux il-lista tal-litreture u Decleration form. Wara it-tieni laqgħa tal-bord għandu jsir ir-rapport ta evalwazjoni għall-approvazzjoni tal-kunsill. |

| | |
|---|---|
| 21.03.03 | Is-Sindku informa li fis-16 t' Ottubru 2020 is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-sindku iltqajna mas-Sinjura Shirley Agius flimkien mas-Sur Etienne Grech fil-laqgħa mal-Grand Harbour Regenerataion fejn ġie diskuss il-Problemi fix- Xatt J.B. Azopardo:<br><br>Mwejjed u Siġġijiet – is-sena l-oħra is-sindku u s-segretarju eżekuttiv iltaqgħu mal-Lands Authority fejn kien qed jiġi diskuss li ser issir Master Plan li min dan il-master plan għadu ma ser xejn sadanintant aktar restoranti qed jiftħu ġewwa l-Isla. Il-Kunsill mhux kontra l-kummerċċ iżda hemm bżonn li jkun hemm pjan.<br><br>Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ukoll ma l-Era sabiex jaraw flimkien in-nuqassijiet u l-kontravinzjoni li hemm matul ix-xatt kollu u l-istess s'issa ma kienx hemm azzjoni.<br><br>Problema oħra hija it-tqegħid tad-dagħajjes li dawn is-sidien m'għandhomx post alternattiv fejn wieħed jista jpoġġi id-dagħjsa tiegħu fix-xhur tax-xitwa.<br><br>Problema oħra li tinqala' fis-sajf meta ix-xatt jintalab li issir żona pedonali iżda dan qed jiġi jiswa madwar €2000 tas-sitt ġimgħat u l-għan li jingħalaq ix-xatt bħala żona pedonali ma jintlaħaqx.<br><br>Ġie diskuss xogħol li jista isir bħal lift fil-pjazza ta' Triq l-Arkati u xogħol fuq żonqor f'ċertu toroq. |
| 21.03.04 | Is- Sindku informa lil kunsilliera li kellu laqgħa fl-24 ta Settembru 2020 mal-GHRC fil-ministeru ta' l-Onor Ian Borg fejn kien hemm preżenti is-Sur Gino Cauchi u is-Sur Bonello, enġinir mill-Enemalta u Perit Franċiz li qed jiddisinja il-proġett mill-maċina għall-Boiler Wharf fejn ġie diskuss il-problemi tad-dawl fix-xatt mill-maċina sa taħt il-Gardjola fejn m'hemmx dawl. It-Tieni laqgħa ser tkun mal-Ministru l-Onor Ian Borg. |
| 21.03.05 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera dwar laqgħa li saret fid-29 ta' Settembru 2020 dwar fondi li hemm mill-Planning Sebbaħ il-lokal tiegħek fejn is-sindku iltaqgħa ma is-Sinj. Anna Spiteri u l-Perit Antoinne Gatt u l-Perit Sara Schreiber dwar kif jistgħu jużaw xi fondi sabiex issir studju fuq l-Ambjent ġewwa l-lokalita' tal-Isla, din ir-riċerka tieħu fit-tul u dawn il-fondi qegħdin biex jagħmlu dawn l-istudju għal dawn il-periti mill-universita, is-Sinj. Anna Spiteri qed taħdem mal-kunsill b'mod volontarju. Ser nitolbu laqgħa rigward fondi għal studju maċ- Chairman tal-PA is-Sur Vince Cassar. |
| 21.03.06 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar laqgħa li kellu fit-30 ta' Settembru 2020 mal-Foreman tal-MTIP dwar xogħol fil-lokalita mil-ħaddiema tal-ministru l-Onor Ian dawn il-manutenzjonijiet li qed issiru fit-turġien, fejn ġie mkaħħal it-taraġ ta' Triq il-Maċina u t-taraġ ta' Triq San Lawrenz fejn kien hemm problema fi Triq San Lawrenz bi dranaġġ li issa |

| | |
|---|---|
| | issewwiet fejn ġew mibdula l-katusi minn Triq San Ġużepp l-ewwel taraġ ta' fuq u l-ewwel taraġ t'isfel. Ser jinżebagħ il-ħajt tal-open gym peress li l-kwotazzjoni għall printing għall ma dan il-ħajt ġiet għolja wisq aktar minn €3000 imbgħad issiru xi disinji żgħar fuq posters tal-inċirata. Ser tinżebaħ ukoll n- niżla ta' Triq il-Miġja tal-Papa u ser jiġi tranġat it-taraġ fi Triq is-Sur u l-Pjazza Andrea Debono fi Triq is-Sur kantuniera ma Triq San Mikiel. Min-naħa tad-dipartiment tat-Turiżmu sar żebgħa wkoll maċ-ċnut. Il-Kunsillier Malcolm Gatt u l-viċi Sindku saqsew x'ser issir mir-railing tax-xatt u s-sinkdu wieġeb li qed jikkunsidraw li jsir mill-ġdid bil-wieqaf u jkun hemm grada biex ikun hemm passaġġ għal-bejn wieħed u ieħor għall kull għaxar metri sabiex min ikun irrid joħroġ għal-baħar ikun jista. |
| 21.03.07 | Is-Sindku ikkomunika mal- Kunsilliera li fit-30 ta Settembru 2020 kellu laqgħa mas-Sur Mark Cabardin u s-Sur Jesmond Xuereb dwar applikazzjoni fuq fondi tal-UE , ġie diskuss sabiex isir MOU sabiex issir applikazzjoni f'isem il-kunsill kull fejn hemm bżonn li jsir dawl għal lokalita tal-Isla u tista issir riċerka bi drone fejn hemm asbestos Il-MIEMA **-** *Malta Intelligent Energy Management Agency ser tagħmel* intervista fuq il-fondi tal-planing Development planning funds għal fuq TVM Malta għal Diċembru 2020. |
| 21.03.08 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l- Appell tal-AUM li sar fl-1 ta' Ottubru 2020 ġie difrett għal 1 ta' Diċembru 2020 fit- 3.30pm. Is-Sindku wkoll informa lil kunsilliera li s-segretarju eżekuttiv bagħtet tfakkira dwar ittra lil ERA minħabba l-irregolaritajiet li hemm madwar s-siġar tax-xatt li s'issa għadu ma sar xejn mil-Lulju 2020 meta ġew uffiċċjali tal-Era sabiex jagħmlu rapport dwar dan l-abbuż mas-siġar. Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar imejl li bagħat lis-Sur Norbert Gatt u lil Perita Ivana Farrugia mid-dipartiment tal-Heritage Malta dwar il-ġebel li waqgħu qabel ma titla' minn Boiler Wharf fi Triq il-Ponta u li wara li l-Onor Jose Herrera kellimhom ser jibgħatu xi ħaddiema biex ineħħu dawn il-ġebel li qegħdin ta' periklu. |
| 21.03.09 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar laqgħa li saret fil- 5 ta' Ottubru 2020 mas-Sur Cohen Transport Malta fejn ġie diskuss li fil-lokalita tal-Isla hemm bżonn li issir talba għal parkeġġ f'ċertu toroq. Il-Kunsill lokali ma għandu l-ebda awtorita biex jgħid lin-nies fejn għandhom issiru dawn il-parkeġġi jekk mhux bl-awtorizzazzjoni minn Transport Malta. Sallum il-ġurnata qatt ma kien hemm awtorizzazzjoni li jsir parkeġġ fuq il-bankini mit-Transport Malta. |

| | |
|---|---|
| 21.03.10 | Is-Sinkdu ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li fis-6 ta' Ottubru 2020 kien preżenti għal attivita ta mary gold mas-sindki kollha tar-reġjun kif ukoll fis-7 ta' Ottubru 2020 kellu laqgha mal-Onor Glen Bedingfield dwar il-programm ta Jum il-Kottonera 25 ta' Ottubru 2020. Din l-attivita tibda fl-10.00am. |
| 21.03.11 | Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku iltaqgħu mas-Sur Olivier Plique l-owner ta' Snop House dwar attivta ta' wirja fuq il-bizzilla li hu propost li issir fi Frar tas-sena dieħla bl-għanjuna tal-kunsill lokali u ser issir fuljett sabiex ir-residenti kif ukoll turisti jsiru jafu aktar dwar il-kultura u nresqgħu aktar nies ta' kultura lejn il-lokalita tagħna. |
| 21.03.12 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti dwar laqgħat li kellu mas-Superedent il-ġdid is-Sur Trevor Micallef fil-kunsill lokali tal-Isla, is-Sindku flimkien mas-supretendet iddiskutew li għandha issir laqgħa bejnithom darba fix-xahar. Saret ukoll laqgħa mal-Ministru l-Onor Byron Camillieri flimkien mas-sindki tal-kottonera. |
| 21.03.13 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li fid-19 ta' Ottubru 2020, hu flimkien mas-segretarju eżekuttiv iltaqgħu onlajn ma l-URBACT fejn tkellimna fuq l-applikazzjoni fuq mowbajl għall-lokalita tal-Isla, sabiex din l-app isservi għal mixja madwar il-lokalita' tal-Isla u l-ħsieb hu li jkollna aktar eżerċċizju fiżiku biex jitnaqass l-obiżita u jkollna aktar poplu b'saħħtu. Ser issir laqgħa mal-għaqdiet tal-lokalita biex jagħtuna informazzjoni dwar l-għaqda tagħħhom u din l-informazzjoni bażika tista tiġi utilizzata fuq din l-app. Il-Kunsill bagħat kwestjonarju bieb bieb bil-Malti kif ukoll bl-Ingliz, kif ukoll onlajn sabiex il-kunsill jieħu s-suġġerimenti tar- residenti wkoll dwar din il-mixja mal-lokalita' tal-Isla. |
| 21.03.14 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet imejl mibgħuta mis-Sur Ryan dwar l-applikazzjoni għal fondi tal-proġett ta' Once Upon A Time fejn ser jinbiddlu id-dati minħabba s0sitwazzjoni tal-Covid madwar l-Ewropa. Il-Proġett għandu jkun lest sa 30 t' April 2021 u wara din il-ġurnata l-kunsill għandu sad-29 ta Ġunju 2021 sabiex jifinaliża r-rapport. |
| 21.03.15 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar problema tad-dranaġġ li hemm fi Triq San Pietru u San Pawl, iżda dan it-taraġ huwa taż-żonqor għalhekk ilkunsill informa lir-residenti li dawn ma jistgħux jaqbdu u jaqilgħu dan it-taraġ qabel ma jkollom l-awtoriżżazzjoni mid-dipartiment tal-Heritage. |

| | |
|---|---|
| 21.03.16 | Is-Sindku spjega lil kunsilliera li ser issir applikazzjoni għal-Slow Street Proġett – SPI SCI 6.2020 – Finanzjament għall-krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa sabiex issir studju fejn jiġi imnaqqas it-traffiku. Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sinj Graziella Gellel qrat id-deskrizzjoni ddetaljata tal-proġett li qed jiġi popost:<br>Il-Kunsill Lokali ser ikun qed iħejji studju urban ma' Periti speċjalizzati f' dan is-settur. Dan l-istudju huwa parti mill-proġett Slow Streets imnidi mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, flimkien mal-Ministeru għall-Kultura, Arti u Gvern Lokali, il-Ministeru ta' Transport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali flimkien ma' l-Awtorita' ta' Transport.<br>Wara li ser ikun lest l-istudju mal-Periti, il-Kunsill Lokali ser ikun qed jiġi mogħti dokument idettaljat ta' studju urban ibbażat fuq il-lokalita' li fih ser ikun hemm rakomandazzjonijiet infrastrutturali sabiex f' żoni urbani jingħata spazju għall-mobilita' sostenibbli fosthom; il-mixi, ċikliżmu u kif ukoll soluzzjonijiet li jindirizzaw il-kuntest ta' last mile transportation.<br>Il-Kunsill Lokali qed jimxi mal-linji gwida maħruġa taħt il-proġett slow street u fil-ġimgħat li ġejjin flimkien mal-Periti inkarigat mill-proġett, bħala Kunsill Lokali ser inkunu qed nissottomettu applikazzjoni ma' l-Awtorita' ta' Transport sabiex il-Kunsill Lokali jkun jista' jibda jimplimenta miżuri li jwasslu għall-aċċessiblita' u mobilita' aħjar fil-lokal.<br>f' dan il-proġett il-Kunsill Lokali ser ikun qed jinvesti f' infrastruttura sabiex:<br>• Jiġu strutturati rotot siguri kemm għall-mixi kif ukoll għaċ-ċikliżmu<br>• Tabelli u sinjali uħud minnhom diġitali biex jindikaw dawn ir-rotot<br>• Rifreskar u żebgħa ġdida mal-art biex jgħinu fid-direzzjoni għal min qed jagħmel użu minn dawn it-toroq u rottot<br>• Miżuri ta' aċċessibbilita'<br>• Miżuri oħra skond il-ħtieġa taż-żoni li ser ikunu indikati<br>• Arbuxelli tas-siġar<br>• Movable Planters<br>Dan il-proġett kif spjegat aktar 'l fuq ser ikun parti mill-proġett Slow Streets, għaldaqstant aness ma' din l-applikazzjoni qed nibgħatu d-dettalji ta' l-istess proġett.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Malcolm Gatt approva din id-dikjarazzjoni u l-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar issekondat. |
| 21.03.17 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li bagħat għas-Sur Joe Scerri sabiex nibgħatu sejħa għall artisit biex issir bust ta' La Sengle. Is-Sur Joe Scerri ħadem draft volontarju ta' kif għandu jiġi dan il-bust u s-Sindku għaddieh lis-segretarju ta' l-Onor Ian Borg, sabiex kif qed issir il-proġettt tal-Forti issir dan il-bust u jiġi imħallas mid-dipartiment u jiġi inawgurat mill-ministru Ian Borg. |

| | |
|---|---|
| 21.03.18 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet agreement ta' Leasing ġdid dwar il-photocopier għaliex l-photocopier li hemm bħal issa għanda ħsarat li huma irreparabli li jissewew. L-Agreement ser jibqa' kif kien ta' qabel. |
| 21.03.19 | Is-segretarju Eżekuttiv iddiskutiet mal-kunsillera preżenti dwar laqgħa onlajn li saret fit -22 t' Ottubru 2020 ma L-AVEC li din supposte il-kunsill kellu jattendi għalija ġewwa l-portugal iżda saret onlajn.<br>Is-Sinj. Maeve Martin bdiet tispjega s-sitwazzjoni tal-assoċċazjoni tal-AVEC li mhux qeda finanzjarment tajba u jekk ma jsibux aktar membri u fondi mid-dipartiment tal-Finanzi hemm mir-riskju li din l-assoċċjazjoni tieqaf taħdem. Is-Segretarju tal-Isla kif ukoll l-kunsilliera ta' Evora Paola Santos ħallew l-istatement li huwa ħasra li wara għoxrin sena din l-assoċċjazjoni kollha tieqaf, iżda Patrick saħħaq li jekk is-sitwazzjoni tibqa' fid-defiċit din l-assoċċjazzjoni ma jkollliex għażla.<br><br>Maeve Martin qalet ukoll li hemm min ukoll mhux f'sitwazzjoni li jħallas il-membership ta €500 fis-sena. |
| 21.03.20 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat il-kwotazzjonijiet dwar id-dwal tal-Milied fejn J. Farrugia - €1038 u D. Street Lighting - €2448 Total ta' €3486.90 għad-dawl ta Triq il-Vitorja u Triq J.B. Azopardo u kwotazzjoni oħra minn għand Allan Saliba Services dwal f' Triq il-Vitorja u Triq J. B. Azzopardo hija ta €6265. Il-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia approva u l-kunsillier Malcolm Gat issekonda il-kwotazzjoni ta' J. Farrugia u D. Street Lighting. |
| 21.03.21 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet il-Performance Bonus Report għal-ħaddiema tal Community Workers Scheme<br>• Score between 71% and 80% - €250 + VAT.<br>• Score between 81% and 89% – €350 + VAT.<br>• over 90 % – €450 + VAT.<br>Il-Kunsilliera qablu unanimament li l-performance bonus għandu jingħata sħiħ. |
| 21.03.22 | Is-Sindku ressaq imejl mibgħuta mill-arċipriet dwar programm uffiċċjali Ċentinarju li ser jiġi jiswa € 3,500 euro, l-arċipriet jixtieq li l-kunsill jikkolabora f'dan iċ-ċentinarju. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera intlaħaq qabil li l-kunsill jikkolabora u joħroġ €500 għal dan iċ-ċentinarju li jitħallsu mill-baġit ta' l-2021. |
| 21.03.23 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet id-dati għat-tender tar-restawr tan-niċċa tal-Porto Savlo fejn jista jsir laqgħa fuq il-post fis-6 ta' Novembru 2021 fl-10.00am |

| | |
|---|---|
| | Kjarifiki għandhom issir permezz tal-EPPS sal-11 ta' Novembru 2020 sad-9.30am u l-aħħar ġurnata għall-kjarifika hija fis-16 ta' Novembru 2020 fid-9.30am. Din it-tender tingħalaq fl-24 ta' Novembru fid-9.30am u jinfetħu fl-10.00am. |
| **21.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| **21.4.1** | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Guzepp<br>Isla<br><br>Jien Anthony Bonavia nixtieq inressaq dawn il-mistoqsijiet għall attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Meta ser inkomplu it-torq li kien ser jagħmlu ?<br><br>Is-sindku wieġeb skond it-tweġiba minn għand il-perit li għal issa l-proġett ser jiġi pospost. |
| **21.4.2** | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Guzepp<br>Isla<br><br>Jien Corinne Buhagiar nixtieq inressaq dawn il-mistoqsijiet għall attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Jista l-kunsill japplika għall din iċ-ċirkulari Cir AKL 2020/116 Outdoor Potable Water dispensers ?<br><br>Iva l-kunsill jista jagħmel talba għal dawn id-dispensers. |
| **21.5** | **Rapporti** |
| **21.5.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart għas-sena 2020 lil kunsilliera kollha permezz tal-imejl. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kunsill fejn dan ir-rapport ġie approvat mis-Sur Malcolm Gatt u s-sekondat mil-kunsilliera is-Sinjorina Corinne Buhagiar. Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sinj. Graziella Gellel flimkien mas-sindku is-Sur Clive Pulis iffirmaw dan ir-rapport anness ma dawn il-minuti. |
| **21.5.2** | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapport tal-*Purchase Order u tal-Petty Cash* għax-xahar ta' Settembru 2020 fejn ġie approvati mill- |

| | |
|---|---|
| | kunsillier Malcolm Gatt u s-sekondat mil-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **21.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 21.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti, skeda Nru 10/ 2020 għall-approvazzjoni. |
| 21.6.2 | Fuq mozzjoni tal-Kunsilliera is-Sur Anthony Bonavia issekondata mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar approvaw il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| **21.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 21.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:00p.m.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 2020 fil-5:30p.m |

Konfermati, illum 24 ta' Novembru 2020

IFFIRMATA
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv